Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 345/2010AE

**Emanuel Falzon**

**Vs**

**Pietru Pawlu Busuttil bhala Sindku u Jason Rene Cutajar bhala Segretarju Amministrattiv ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' Hal Safi; Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq; Korporazzjoni Enemalta.**

It-Tnejn, 22 ta' Frar, 2016.

L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta appellat mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-1 ta' Novembru 2012 li biha kkundanna lill-Kunsill Lokali ta' Hal Safi u lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq in solidum sabiex ihallsu s-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin ewro (€3,490) flimkien mal-imghax mill-15 ta' Marzu 2010, danni li l-attur garrab fil-vann GMY 065 fil-lejl tal-21 ta' Jannar 2006 fi Triq il-Karwija, limiti Safi.

L-aggravju tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq hu li:-

i. Triq il-Karwija m'hijex triq arterjali jew distributorja.
ii. Skond ir-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xogholijiet f'Toroq (Legislazzjoni Sussidjarja 499.57): *"fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skond l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali"*.
iii. Skond l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali ghandhom id-dmir li jzommu fi stat tajjeb u jaghmlu l-manutenzjoni ta' toroq, li ma jkunux proprjeta privata.
iv. Skond l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) li kien japplika fi zmien li sehh l-incident: *"Izda meta l-manutenzjoni ta' xi triq jew triq principali tkun taqa' taht ir-responsabbilta ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq jew triq principali ma ghandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbilta, il-funzjoni tal-Awtorita"*.
v. Id-definizzjoni ta' triq arterjali u distributorja kif inhi fil-Pjan ta' Struttura tal-1990 ma tapplikax ghal Triq il-Karwija, Hal Safi li llum hi parzjalment maghluqa.
vi. Id-definizzjoni ta' triq skond il-Kap. 499 tinkludi, *"…. Arbli, taghmir tal-elettriku, billboards, strutturi ghat-twahhil ta' reklami, bankijiet,*

*kiosks u kull hag'ohra li tista' titwahhal mal-wicc taghhom, eskluzi l-bini"*.

vii. Sahansitra l-Legislazzjoni Sussidjarja 363.91, L-Ordni dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tibdil tat-Toroq lill-Kunsilli Lokali, f'regolament 2 tipprovdi li l-Kunsilli Lokali ghandhom id-dmir li jinstallaw sistemi godda ta' dawl fit-toroq u manutenzjoni tad-dawl fit-toroq.

viii. In-nuqqas ta' dawl fit-triq hu mputabbli nterament lill-Kunsill Lokali ta' Hal Safi.

Ghall-appell wiegbu:-

1. Il-Korporazzjoni Enemalta (14 ta' Dicembru 2012) li argumentat li ma kellha x'taqsam xejn fir-rigward tal-incident in kwistjoni. Fil-fatt ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal cahad it-talba tal-attur fil-konfront ta' din il-konvenuta. F'dan ir-rigward is-sentenza tat-Tribunal hi gudikat.
2. L-attur (16 ta' Dicembru 2013) li sostna li t-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' x-xhieda u l-apprezzament tal-provi li ghamel hu korrett.

Mill-atti ma jirrizultax li l-Kunsill Lokali ta' Hal Safi wiegeb ghall-appell jew appella mis-sentenza. Ghalhekk is-sentenza hi gudikat fil-konfront ta' dan il-konvenut.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Mill-atti jirrizulta li l-attur kien ippropona proceduri ta' arbitragg mandatorju. Instemghu x-xhieda u b'decizjoni tat-12 ta' Jannar 2010 l-arbitru ddecieda li ma kellux kompetenza biex jiddeciedi l-kaz fil-meritu. Kien ghalhekk li l-attur ippropona kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma nstemghux provi godda u l-partijiet ghamlu riferenza ghall-provi li ngabru quddiem l-Arbitru.

2. Hu fatt li:-

   (a) L-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) f'Artiklu 33 jipprovdi li l-Kunsilli Lokali huma responsabbli li jipprovdu biex *"tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta privata"*. L-uniku eccezzjoni hi t-toroq arterji u distributorji, *"stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura"* (1990). F'dan id-dokument hemm *key diagram* fejn huma identifikati t-toroq arterji u distributorji, u toroq arterji progettati. Jidher li din qatt ma giet aggornata ghaz-zmenijiet tal-lum.
   (b) Fl-1999 l-MEPA flimkien mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienu ppubbliku numru ta' pjanti li juru t-toroq arterji u distributorji. Jidher li Triq il-Karwija m'hijex wahda minn dawn it-toroq (ara deposizzjoni ta' Edric Micallef, seduta tas-7 ta' April 2009).

F'cirkolari mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali u ffirmata mid-Direttur Victor J. Rizzo (1999), jinghad li d-Dipartiment b'kollaborazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar *"…. qed iniedi din il-gabra ta' mapep li fiha…… hemm is-67 pjanta li juru….. it-toroq arterjali u distributorji li jghaddu mill-lokalita' tal-Kunsill individwali, l-ismijiet ta' dawn it-toroq, u dettalji ohra….."*. Fl-istess dokument jinghad ukoll: *"Id-Dipartiment qed jittama li permezz ta' din il-pubblikazzjoni jigu solvuti darba ghal dejjem id-dubji li setghu nholqu f'diversi Kunsilli dwar it-toroq arterjali u distributorji, kemm f'diskussjonijiet bejniethom, kif ukoll fir-relazzjoni taghhom ta' xoghol mad-Dipartiment tal-Gvern"*.

3. L-attur kien xehed li fil-21 ta' Jannar 2006 kien ghaddej minn Triq il-Karwija, Hal Safi li kienet mudlama. Kienet xita qawwija. F'hin minnhom *"…. il-vann ghereq gol-ilma sal-fanali. L-ilma dahal gol-vann u xarrab lill-passiggieri. Waqaft zoptu u l-magna stallajt"* (fol. 24). Ix-xhieda l-ohra li nstemghu tressqu bil-ghan biex jintwera liema awtorita' kienet responsabbli ghal din it-triq, cjoe' l-Kunsill Lokali jew id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq. F'dan ir-rigward:

   (a) Ma jirrizulta li Triq il-Karwija nbniet mill-Kunsill Lokali;
   (b) Hu evidenti li d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq gie mharrek bhala r-rapprezentant tal-Gvern (Artikolu 181B tal-Kap. 12);
   (c) Ir-riferenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 499.47 (*New Roads and Road Works Regulations*) hi barra minn postha ghaliex l-incident sehh fl-2006 filwaqt li dik il-ligi sussidjarja dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2010. L-istess jinghad fir-rigward tar-riferenza li saret ghall-Att dwar Awtorita dwar it-Trasport f'Malta (Att numru V tal-2008, Kap. 332 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li l-incident sehh fil-21 ta' Jannar 2006 u ghalhekk qabel dahal fis-sehh l-Att V tal-2008 kif ukoll fir-rigward tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Att XV tal-2009, Kap. 499);
   (d) M'hemmx prova li dik il-kwantita kollha ta' ilma fi Triq il-Karwija ngemghet minhabba nuqqas ta' manutenzjoni. Pjuttost l-indikazzjoni hi li l-ilma ngemgha minhabba nuqqasijiet fil-mod kif inbniet dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident. Fil-fatt l-attur xehed: *"Kelli dawl bright.* ***Hin minnhom il-vann ghereq gol-ilma sal-fanali****"*[1]. F'dan ir-rigward hi rilevanti wkoll id-deposizzjoni ta' Pietru Pawl Busuttil[2], li xehed: *"Jien Sindku ta' Hal Safi. Dik it-triq saret tarmac mill-Gvern Centrali fl-1995. Is-Centre Strip tinhadem minn consortium ghan-nom tal-Gvern. Dan jiehu hsieb it-tindif ukoll. Il-Kunsill m'ghandu x'jaqsam xejn. Saru d-dwal mill-Gvern Centrali ….. It-triq ghalija hija perfetta imma fejn gara l-accident jingabar l-*

[1] Charles Schembri, xufier ta' minibus, xehed: *"Naf li hin minnhom rajt il-vann ta' Leli. Dan kien wieqaf go ghadira ilma. L-ilma kien fond mat-30 centimetru. Jiena naf biha din il-bicca u evitajta"* (fol. 26).
[2] Kien Sindku tal-Kunsill Lokali, Hal Safi.

*ilma fix-xita qliel…. Lanqas kien hemm warning sign li t-triq tigbor l-ilma".* Ghall-qorti m'hemmx dubju li 'l fatt li kien jingabar hafna ilma f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, jista' jfisser biss li l-kostruzzjoni ta' dik il-parti ta' Triq il-Karwija ma saritx skond is-sengha u kien hemm bzonn li terga' ssir. Dan zgur jaqa' fir-responsabbilta' tal-Gvern, li f'dawn il-proceduri hu rapprezentat mid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq. Inoltre, m'hemmx dubju li kif jirrizulta mill-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 363), m'hemmx dubju li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li r-responsabbilta tat-toroq arterji u distributorji tibqa' tal-Gvern. Hu minnu li ma jirrizultax li minn zmien il-Pjan ta' Struttura sar ezercizzju biex it-toroq arterji u distributorji kif jidhru fil-*key diagram* tal-Pjan ta' Struttura, jigu aggornati. Pero' dan ma jfissirx li minn meta gie ppubblikat il-pjan ta' struttura fl-1990, f'Malta ma sarux iktar toroq li jaqghu fid-definizzjoni ta' toroq arterji jew distributorji li hemm fil-Pjan ta' Struttura (ara paragrafi 14.6 u 14.7). Skond it-taghrif li ta Pietru Pawl Busuttil jidher li l-Gvern iqies din it-triq bhala arterja jew distributorja, tant li ghamel it-tarmac, jiehu hsieb it-tindif u ghamel ukoll id-dwal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant. Peress li tqies li dan l-appell hu fieragh, tikkundanna lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq ihallas l-ispejjez tal-appell ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.